MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 3422/1996/1

**Kavalier John Parnis England**

**v.**

**Direttur tas-Sigurtà Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kif korrettypprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu r-rikorrent, wara illi ppremetta illi huwa rcieva ittra ufficjali minghand l-intimat fis-26 ta' Novembru 1996, kopja annessa bhala Dokument A, fejn intalab ihallas is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija u hamsa u hamsin lira u erbgha u sittin centezmu (Lm28,455.64) konsistenti f' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali ta' l-Ewwel Klassi u dwar l-impjegati tas-socjetà *Seal International Company Limited* ghall-perjodu Mejju sa Dicembru 1992 kif ukoll ghall-kontribuzzjonijiet addizzjonali ghall-imsemmi perjodu; illi huwa qed jikkontesta li huwa debitur lejn l-intimat u dana ghar-ragunijiet segwenti: **A**. in-nullità ta' l-ittra ufficjali bhala titolu ezekuttiv stante li huwa irtira mill-kariga tieghu ta' direttur ta' *Seal International Company Limited* fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tal-1993 u dana kif jirrizulta minn-notifikazzjoni lir-registratur tas-socjetajiet annessa bhala Dok B u m'ghandux ir-rapprezentanza ta' l-istess socjetà; illi b'hekk l-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 1996 ma tistax titqies bhala wahda ezekuttiva u ma tistax f'dan il-kaz tintalab korrezzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 stante li tali korrezzjonijiet jistghu isiru biss fi proceduri gudizzjarji li huma ghaddejjin u mhux f'ittra ufficjali; **B**. it-talba ta' l-intimat hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2149(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; **C**. fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq espost is-solidarjetà mas-socjetà debitrici giet estinta minhabba kolluzjoni bejn l-intimat u d-diretturi attivi ta' l-istess socjetà li ghada topera sallum; kif se jirrizulta mit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors huwa rrizenja minn direttur peress li sar jaf li s-socji/diretturi attivi tas-socjetà, Dottor Gerald Montanaro Gauci u Dottor Victor Ragonesi ma kienux qieghdin ihallsu it-taxxi u kontribuzzjonijiet statutorji u ma setghax b'hekk jinzamm responsabbli ghal dawn il-hlasijiet stante li huwa kien heggeg li dawn il-pagamenti kellhom isiru qabel kull pagament iehor; dan jirrizulta mill-minuti tas-socjetà li qeghdin ghand il-persuni msemmija; illi bi skantament u bilfors bi ftehim mal-intimat kif rikjest mill-artikolu 9 tal-Kap 318 thallsu l-kontribuzzjonijiet ta' Jannar u Frar 1993 u mhux ta' dawk precedenti; illi dan l-agir huwa manifestament skorrett u jmur kontra l-principji tas-solidarjetà li huwa mpost mil-ligi f'kawzi ta' pagament ta'

kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali; skond l-Artikolu 1171 tal-Kap 16 il-hlas kellu jigi mputat ghal dejn precedenti u mhux allokat b'intenzjoni li jibqa mdendel ir-rikorrent; **D**. id-dewmien da parti ta' l-intimat biex jinforma lir-rikorrenti li ma thallsux il-kontribuzzjonijiet mitluba huwa ta' pregudizzju ghalih stante li kwalunkwe azzjoni kontra s-socjetà debitrici *ai termini* ta' l-artikolu 1948 tal-Kap 16 issa tista tigi sfrattata minhabba l-insolvenza ta' l-istess socjetà li sorprendentement, minn informazzjoni li ghandu r-rikorrent ghadha topera b'xi hamsin (50) haddiem; talab illi dina l-Qorti *ai termini* ta' l-artikolu 116 *et seq* tal-Kap 318: 1. tqieghed ir-rikors ghas-smiegh ghall-data vicina li tkun mhux aktar tard minn tletin (30) jum mill-prezentata tar-rikors; 2. tordna n-notifika tar-rikors flimkien mal-avviz tas-smiegh lill-intimat; 3. tisma u tiddisponi mir-rikors u r-risposta *ai termini* tas-subinciz (f) u (g) tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 116 et seq. tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta; u 4. konsegwentement tichad it-talba tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-21 ta' Novembru 1996 annessa bhala Dokument A fil-konfront tar-rikorrent u tilqa l-ilment ta' l-istess rikorrent; bl-ispejjez kontra l-istess intimat;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relattivi;

Rat ir-risposta ta' l-intimat illi permezz taghha ssottometta s-segwenti:
"1. Illi preliminarjament ir-rikors huwa irritu u null stante li l-artikolu 119 tal-Kap 318 jipprovdi ghall-pieni generali taht dak l-att. Ghalhekk la r-rikorrent qieghed jghid li rrediga r-rikors tieghu ghab-bazi ta' dak l-artikolu, t-talbiet kollha tieghu huma affettwati b'nullità sostantiva u formali u l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tesisti l-ebda nullità ta' l-ittra ufficjali mibghuta mill-esponent stante li kull nullità ta' kwalunkwe att gudizzjarju trid tigi espressament komminata mil-ligi. Illi mhux l-ittra fiha nnifisha biss li tikkostitwixxi titolu ezekuttiv izda n-nuqqas ta' sfida ghat-talba ta' l-esponent fit-terminu provvdut mil-ligi, sfida li fil-fatt ghamel ir-rikorrent. Illi fi kwalunkwe kaz ir-responsabbiltà tar-

rikorrent ghall-hlas ta’ kontribuzzjonijiet hija wahda personali li testendi ghall-persuna tar-rikorrent u mhix biss ghas-socjetà *Seal International Company Limited*

Illi inoltre fil-perjodu in kontestazzjoni, cioè Mejju sa Dicembru 1992, ir-rikorrent kien direttur tal-kumpanija;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent hija bla ebda bazi guridika stante li l-Kapitolu 318, bhala ligi specjali, jipprovdi ghall-terminu preskrittiv ferm itwal minn dak li qed jallega r-rikorrent - adirittura perjodu ta’ tletin sena;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, il-fatt li r-rikorrent kien jaf bhala direttur li s-socjetà *Seal International Company Limited* ma kienitx qed tottempera ruhha mar-rekwisiti tal-ligi fil-perjodu in kontestazzjoni, kien jirrendi aktar impellenti l-obbligu fuqu li jizgura li l-kontribuzzjonijiet jithallsu u m’ghandux ikun agir skuzanti li tintefa rizenja u b’daqshekk jigi *di più* pretiz li l-hlasijiet li kellhom isiru qabel ir-rizenja jintesew;

5. Illi l-esponent jirrespingi fermament l-allegazzjoni gratuwita ta’ xi ftehim kif allegat fil-paragrafu C billi l-esponent huwa fi dmir li jigbor kull hlas li huwa dovut lill-Gvern anki minn min jidhirlu li ghandu jisfida l-ligijiet tal-pajjiz u ma jhallasx kontribuzzjonijiet;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel paragrafu ta’ din ir-risposta, fir-rigward tal-paragrafu D tar-rikors jinghad li kien jispetta lir-rikorrent li jhallas fiz-zmien li tistipula l-ligi u ma jesisti l-ebda obbligu iehor ta’ l-esponent ghajr li jagixxi legalment ghall-hlas ta’ kontribuzzjonijiet mhux imhallsa;”;

Rat il-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-erbatax (14) ta’ Dicembru, 2000 illi permezz taghha l-Qorti cahdet ir-raba’ talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tichad it-talba tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-21 ta’ Novembru, 1996 Dok A;

“Bir-rikors prezenti r-rikorrent qed jipprocedi skond il-Kap 318 Art 116 biex jattakka din l-ittra ufficjali fejn l-intimat talbu jhallas Lm28,455.64 ghal kontribuzzjonijioet tas-sigurtà socjali. Ir-rikorrenti mhux qed jikkontesta l-ammont izda li dan mhux dovut minnu. Ir-rikorrent irtira l-kontestazzjoni tieghu taht il-paragrafi A u B tar-rikors a fol. 1 (ara nota tar-rikorrent);

“Ir-rikorrent qed jissottometti li l-intimat ma tahx spjegazzjoni ghaliex accetta pagamenti ta’ Jannar u Frar 1993 u ma thallsux dawk ta’ qabel (1992). Hu qed jissottometti li a bazi ta’ l-Art. 9 tal-Kap 318 kwalunkwe pagament li sar wara dik id-data (1992) minghajr ma thallas id-dejn precedenti kien irregolari;

“Ian Napier fuq dan xehed li l-pagamenti kurrenti kienu qed isiru mill-kumpanija u kien hemm ukoll arretrati. Meta jithallsu l-flus (ghax xhur kurrenti) ikun hemm id-dokument maghhom u l-*cash office* taghti ricevuta skond dawk id-dokumenti. Fil-kaz in ezami ghalhekk kienu qeghdin jithallsu l-pagamenti ta’ kull xahar u huma kienu qeghdin jipprovaw jilhqu ftehim mad-diretturi tas-socjetà biex jithallsu l-arretrati izda ma waslux biex jigi ffirmat il-ftehim (ghalkemm fil-mori saru xi pagamenti);

“Ir-rikorrent qed jissottometti ukoll li skond l-artikolu 1171(g) tal-Kap 16 il-hlas kellu jigi imputat ghall dejn precedenti u l-aktar qadim, izda l-Qorti tirrileva li dan l-artikolu jsemmi wkoll diversi regoli kif ghandha ssir l-imputazzjoni u mhux dejjem ghal dejn l-aktar qadim ez li hlas ghandu jitqies li sar ghal dejn mhux ikkontestat qabel id-dejn ikkontestat;

“Ir-rikorrent issottometta wkoll li hu ma kienx direttur attiv u l-principal ma kienx hu izda Dr. G. Montanaro Gauci u John Ogden. Hu rrefera ghall-*Interpretation Act* Art 13 tal-Kap 249 li jghid li ghalkemm ir-rikorrenti jista’ jkun

responsabbili minhabba l-kariga tieghu *qua* direttur, hu ma jistax jinzamm responsabbili jekk juri li:

(a) ir-reat sar minghajr it-taghrif tieghu;
(b) li jkun uza id-diligenza tieghu sabiex ma jwettaqx dak ir-reat;

“Izda jirrizulta mill-provi li r-rikorrent kien jaf li ma kienux qed jithallsu l-kontribuzzjonijiet; kien jaf li l-kumpanija mhiex qed titmexxa sew, u minflok ghen, biex tirranga s-sitwazzjoni (ara ittra ta’ Dr. G. Montanaro Gauci a fol. 25), hu qabad u rrizenja. Ir-rikorrent stess xehed li kien irrizenja min direttur wara li kien insista mad-diretturi l-ohra li kellhom jithallsu l-kontribuzzjonijiet kollha tal-bolol u taxxa. Ir-rikorrent stess stqarr li qabel irrizenja kien rabat lill-kumpanija thallas l-arretrati kollha;

“Ir-responsabilità tar-rikorrent ghal pagament testendi mhux biss fuqu bhala direttur tas-socjetà *Seal International* imma anke personalment. Huwa veru li fil-fatt fil-mori tal-kawza saru xi pagamenti mis-socjetà *Seal International* izda dan ma jnehhi xejn mill-legalità u mis sahha ta’ l-ittra ufficjali in kwistjoni li ntbaghtet lir-rikorrent *ai fini* ta’ l-Art 116(2) Kap 318;

“Illi ghalhekk ma tezisti ebda nullità ta’ l-ittra ufficjali u fic-cirkostanzi t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa’.”

Rat ir-rikors ta’ appell tar-rikorrent illi permess tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi tigi revokata l-imsemmija sentenza tal-14 ta’ Dicembru 2000 billi tintlaqa’ r-raba’ talba tieghu u, konsegwentement, tincahad it-talba ta’ l-intimat kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-21 ta’ Novembru 1996 fil-konfront ta’ l-appellant u billi jintlaqa’ l-ilment ta’ l-istess appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra d-Direttur tas-Sigurta` Socjali;

Rat ir-risposta ta’ l-appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab, fi kliem ir-risposta, “… li din il-Qorti tiddikjara l-appell interpost bhala irritu u null ghaliex il-Kap. 318 ma jipprovdiex ghal proceduri ohra oltre l-Qorti kompetenti li quddiemha ssir l-isfida u

subordinatament u minghajr pregudizzju tichad it-talbiet kollha ta' l-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, jehtieg illi tigi konsidrata s-segwenti pregudizzjali sollevata mill-intimat appellat fil-bidu tar-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell:
"Illi preliminarjament l-appell tar-rikorrent huwa irritu u null stante li l-procedura specjali mahsuba fl-artikolu 116 tal-Kap. 318 ma taghtix lok ghall-appell mid-decizjonijiet tal-Qorti kompetenti li quddiemha l-appellant ghamel l-isfida tieghu ghall-ittra ufficjali *de quo*."

L-intimat ma ghandux ragun. Infatti, filwaqt illi l-artikolu 116 tal-Kap. 318, invokat mill-intimat, ma jeskludix il-possibilità illi jsir appell minn sentenza moghtija fuq rikors intavolat *ai termini* ta' l-istess artikolu 116, is-subinciz (h) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jiddisponi hekk:
"bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subartikolu, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar il-procedimenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandhom japplikaw dwar kull rikors bhal dak."

Skond l-Artikolu 34 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, imbaghad:
"Hlief meta jkun hemm provdut mod iehor f'dan il-Kodici jew f'kull ligi ohra, mis-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell."

Is-sentenza appellata giet pronunzjata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili;

Ghalhekk, ir-rikors ta' appell ta' l-appellant mhux kolpit mill-irritwalità jew min-nullità pretiza mill-appellat u,

konsegwentement, il-pregudizzjali in ezami qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, l-aggravji tar-rikorrent appellant kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
"i) l-intimat ma kellux dritt jaccetta pagament li kien kwalifikat u li ma kienx ikopri perjodu antecedenti li ma kienx thallas u ii) gie ampjament pruvat li tezisti gusta kawza biex ir-rikorrenti ma jkunx tenut ihallas dak mitlub mill-intimat."

Ikkunsidrat:

Illi sabiex isostni l-aggravju i) tieghu l-appellant invoka l-Artikolu 9 tal-Kap. 318 u l-Artikolu 1171(g) tal-Kodici Civili. Dwar l-Artikolu 9 tal-Kap. 318, l-appellant jissottometti hekk:
"L-Artikolu 9 jtenni li 'Kull persuna li ghandha thallas kontribuzzjonijiet ghall-persuna impjegata ghandu, ***kemm il-darba ma jkunx bl-approvazzjoni tad-Direttur ghamel arrangamenti ohra***, ihallas b'arretrati ta' xahar …'. B'hekk jigi bir-rispett sottomess li l-allokazzjoni ta' pagament ghall-hlas ta' kontribuzzjonijiet ghall-perijodu ta' Jannar u Frar tal-1993 seta jsir biss bi ftehim jew approvazzjoni ta' l-intimat stante li kien ghad hemm pendenti l-hlasijiet ta' Mejju sa Dicembru 1992. Anzi kwalunkwe pagament li sar wara dik id-data, minghajr ma thallas id-dejn precedenti kien irregolari."

Dina l-Qorti ghandha dubbju serju kemm dik il-parti mill-Artikolu 9 tal-Kap. 318 illi iccita l-appellant fis-sottomissjoni tieghu in ezami timporta, kif qed jippretendi huwa, illi "… l-allokazzjoni ta' pagament ghall-hlas ta' kontribuzzjonijiet ghall-perijodu ta' Jannar u Frar tal-1993 seta jsir biss bi ftehim jew approvazzjoni ta' l-intimat stante li kien ghad hemm pendenti l-hlasijiet ta' Mejju sa Dicembru 1992". Però, anke kieku l-interpretazzjoni ta' l-appellant ta' l-imsemmi artikolu 9 hija korretta, l-aggravju in ezami tieghu, kwantu bazat fuq l-istess artikolu tal-ligi, mhux fondat ghaliex dina l-Qorti ma tezitax illi tghid illi

mill-atti processwali (ara depozizzjonijiet ta' Ian Napier, illi xehed bhala rapprezentant ta' l-intimat, fol. 46 u fol. 56-57, u d-dokumenti minnu esibiti, fol. 47 sa 49) jirrizulta pruvat illi l-intimat accetta - u ghalhekk approva - il-pagament tal-kontribuzzjonijiet dovuti ghal Jannar u Frar, 1993 nonostante illi kienu ghadhom ma thallsux il-kontribuzzjonijiet kollha ghas-sena 1992;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 1171(g) tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:
"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu ta' qabel dan, <u>meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-hlas</u>, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:

…;
(g) meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jhallas dejn qabel iehor, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn l-izjed qadim; u fost id-djun li jkunu saru f'gurnata wahda, u li ma jaghlqux fi zmien wiehed, jitqies bhala izjed qadim id-dejn li jaghlaq l-ewwel;" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, mill-imsemmija depozizzjonijiet tax-xhud Ian Napier u mid-dokumenti minnu esibiti jirrizulta illi kull pagament illi sar in sodisfazzjon tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali, fil-waqt tal-hlas, gie imputat minn min effettwa l-pagament ghal debitu partikolari. Ghalhekk, ir-regola msemmija fl-artikolu 1171(g) tal-Kodici Civili mhix applikabbli ghall-kas in ezami. F'dan ir-rigward, huwa utili illi ssir riferenza ghas-segwenti silta mid-depozizzjoni ta' Ian Napier tad-dsatax (19) ta' Jannar, 2000 (fol. 56-57):
"Hija haga awtomatika li meta ghandek blokka t'arretrati tigbor l-arretrati però jekk dawn ma jhal[l]sux ix-xhur kurrenti li qieghed fihom fin-1993 stess f'dan il-kaz inti m'int ser issolvi xejn. … Jekk id-diretturi tal-kumpanija [Seal International Company Limited] ghamlu dokumenti ta' dawk ix-xhur u pprezentawhom il-*cash office* biex jithal[l]su jekk kien hemm miktub Jannar 1993 il-*cash office* ricevuta ta' Jannar 1993 ser johroglu u fir-*records* taghna jidhlu hekk."

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-aggravju i) tieghu, l-appellant jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 13 ta' l-Att Dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan l-artikolu - illi l-*marginal annotation* tieghu taqra "Reati minn ghaqda ta' persuni" - mhux rilevanti ghall-proceduri odjerni ghaliex ma hemm ebda dubbju illi dawn il-proceduri ma jikkoncernawx il-kommissjoni ta' xi reat;

Ikkunsidrat:

Illi, sabiex isostni l-aggravju ii) tieghu, l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjoni fir-rikors ta' appell:
"Illi bl-akbar rispett lejn l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili l-appellant rnexxielu juri li mhux talli kellu gusta kawza sabiex jisfida t-talba ghall-hlas imma wera li l-appellat ma mexxiex skond il-ligi kontra min mhux talli ma kkontestax it-talba imma talli hallas akkont u baqa' jopera!"

Illi dan l-aggravju ta' l-appellant, kwantu bazat fuq is-sottomissjoni illi huwa "… wera li l-appellat ma mexxiex skond il-ligi kontra min mhux talli ma kkontestax it-talba imma talli hallas akkont u baqa jopera", ma jistax jintlaqa' ghaliex il-meritu tar-rikors odjern mhux jekk l-appellat kellux jipprocedi gudizzjarjament kontra terzi izda huwa jekk l-appellat kienx gustifikat illi jipprocedi kontra l-appellant permezz ta' l-ittra ufficjali illi kopja taghha hija esibita u markata dokument A (fol. 5);

L-appellant jibbaza l-aggravju tieghu in ezami ukoll fuq l-asserzjoni illi huwa "… rnexxielu juri li … kellu gusta kawza sabiex jisfida t-talba ghall-hlas …". Din l-asserzjoni hija maghmula fil-paragrafu tar-rikors ta' l-appell - hawn fuq riprodott *in toto* - illi jigi immedjatament qabel it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata. L-appellant ma jistax jippretendi illi dina l-Qorti tabbraccja asserzjoni daqshekk xotta xotta u takkolji l-aggravju tieghu kwantu bazat fuqha;

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell tar-rikorrent appellant u tikkonferma s-sentenza appellata;

Mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi giet respinta l-pregudizzjali ta’ l-intimat appellant dwar l-irritwalità u nullità tar-rikors ta’ appell, tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal tlett kwarti ($^3/_4$) mir-rikorrent appellant u kwantu ghal kwart ($^1/_4$) mill-intimat appellat;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------